



17.12.2009

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1337/2008, imressqa minn Nayden Chakarov, ta' nazzjonalità Bulgara, flimkien ma' 12-il firma, dwar l-impjant tal-enerġija ta' Martiza-Iztok u t-tniġġis taż-żona madwar il-belt Bulgara ta' Stara Zagora**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jirreferi għat-tniġġis kbir taż-żona madwar il-belt Bulgara ta' Stara Zagora, ikkawżat mill-impjant tal-enerġija ta' Maritza-Iztok. Tnejn biss mit-tmien unitajiet tal-impjant tal-enerġija huma mgħammra b'unitajiet li jnaddfu l-kubrit, li jfisser li l-impjant tal-enerġija mhux konformi mal-liġijiet applikabbli tal-UE, inkluża d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis u d-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni. Il-petizzjonant għalhekk jitlob lill-Parlament Ewropew biex jiżgura li t-tħaddim tal-impjant tal-enerġija ta' Maritza-Iztok ikun konformi mar-rekwiżiti tad-Direttivi msemmijin hawn fuq.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-23 ta' Frar 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 192(4) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fid-19 ta' Ġunju 2009.

Il-petizzjonant jinsab imħasseb dwar it-tniġġis qawwi taż-żona madwar il-belt Bulgara ta' Stara Zagora ikkawżat mill-impjant tal-enerġija ta' Maritza-Iztok. Hu qed jilmenta dwar il-kundizzjonijiet operattivi tal-istallazzjoni u dwar il-konformità mad-Direttiva 2008/1/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (IPPC)<sup>1</sup> u d-Direttiva 2001/80/KE dwar

<sup>1</sup> ĠU L 24/8, 29.01.2008 (preċedentement: Direttiva 96/61/KE, ĠU L 257, 10.10.96, p.

impjanti kbar ta' kombustjoni (LCPs)<sup>1</sup>.

L-impjant tal-enerġija ta' Maritza-Iztok fil-Bulgarija kellu jkun konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva IPPC mit-30 ta' Ottubru 2007 u mad-Direttiva LCP mill-1 ta' Jannar 2008.

Il-Kummissjoni preċedentement kienet ikkuntattjat lill-awtoritajiet Bulgari biex titlobhom informazzjoni speċifika dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni komunitarja applikabbli fir-rigward tal-istallazzjonijiet imsemmija f'din il-petizzjoni. L-awtoritajiet Bulgari taw l-informazzjoni li ġejja dwar l-impjant TPP 2 (parti mill-impjant tal-enerġija Maritza-Iztok). L-awtoritajiet irrikonoxxew li l-impjant TPP 2 kellu jkun konformi mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet tad-Direttiva LCP sa mill-1 ta' Jannar 2008. Atwalment dan l-impjant qed jiffunzjona skont il-permessi IPPC maħruġa fl-2005. Ġie installat tagħmir tekniku biex jitnaqsu l-emissjonijiet u tqiegħdu sistemi ta' kejl kontinwu.

Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni bdiet evalwazzjoni dettaljata tal-permess maħruġ għal dan l-impjant. Din l-evalwazzjoni għandha l-għan li tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttivi IPPC u LCP.

Il-Kummissjoni se tevalwa r-riżultat tal-analiżi tal-każ u l-mod kif ġew implimentati d-Direttivi 2008/1/KE u 2001/80/KE fir-rigward tal-impjant ikkonċernat. Skont ir-riżultati ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni se tqis jekk huwiex meħtieġ li jittieħdu aktar passi.

#### **4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-17 ta' Diċembru 2009.**

Kif indikat fl-ewwel komunikazzjoni dwar din il-petizzjoni, il-Kummissjoni evalwat il-permess għal dan l-impjant li nħareġ skont id-Direttiva 2008/11/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis<sup>2</sup>. Ir-riżultat ta' din l-analiżi huwa li l-kondizzjonijiet tal-permess huma konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħet tidentifika l-ebda ksur tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità.

Madankollu, il-Kummissjoni se tissorvelja b'mod kostanti l-mod li bih id-Direttivi 2008/11/KE u 2001/80/KE dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni<sup>3</sup> qegħdin jiġu implimentati fir-rigward tal-impjant inkwistjoni u b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-kondizzjonijiet tal-permess.

---

26)

<sup>1</sup> ĠU L 309, 27.11.01, p. 1

<sup>2</sup> ĠU L 24, 29.1.2008, p.8-29

<sup>3</sup> ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1-21